**PARROĊĊA KATIDARAL TA' SAN PAWL - MDINA**

Tel. 2145 6620 (Uffiċju Parrokjali) Tel. 2145 4136 (Katidral)
Email: parrocca.mdina@maltadiocese.org

# Magħamudija

1. **Tħejjija**
   Meta tiddeċiedu li tiġu tgħammdu, morru **l-ewwel** għand il-Kappillan jew l-Arċipriet tal-parroċċa fejn toqogħdu, itolbuh **il-permess** bil-miktub u ftiehmu miegħu għat-**tħejjija** tagħkom u tal-parrini għall-Magħmudija. Sadanittant, iġbru **ċertifikat tat-twelid tat-tarbija** mill-Insinwa, u l-parrini jiġbru **ċertifikat ta' idoneità** mingħand il-Kappillan jew l-Arċipriet tal-parroċċa fejn joqogħdu. B'kollox tridu tiġbru erba' karti.

2. **Ġranet tal-Magħmudija**
   Il-Magħmudija normalment issir nhar ta' Ħadd u tibda fl-3.45pm. Tridu ssibu **saċerdot** intom biex jgħammdilkom. Dakinhar tal-Magħmudija, agħmlu ħilitkom kollha biex **tkunu fil-ħin** miftiehem, ħalli ma ttellfux is-servizz ta' wara.

3. **Imġieba u l-ilbies**
   **L-imgieba u l-ilbies** tagħkom għandhom juru li temmnu tassew, li deħlin fi Knisja, 'id-Dar t'Alla', u mhux f'sala ta' riċeviment, speċjalment fix-xhur tas-sajf.

4. **Il-fotografu u r-ritratti**
   Tistgħu tieħdu xi ritratti bħala tifkira, iżda dak kollu li jtellef is-smiegħ tal-Kelma t'Alla u ċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija għandkom tevitawh, bħalma hu **l-ġiri tal-fotografu** minn hawn għal hemm.

5. **Is-sabiħ tas-Sagrament tal-Magħmudija**
   **Ikkonċentraw fuq dak li jkun qiegħed iseħħ fit-tarbija tagħkom** dak il-ħin: hi tinħeles mid-dnub tan-nisel u ssir bint adottiva ta' Alla, issir nisranija u membru tal-Knisja, tempju

tal-Ispirtu s-Santu li jinżel jgħammar fiha, u jinfetħilha l-bieb biex 'il quddiem tkun tista' tirċievi s-sagramenti l-oħra.

6. **L-importanza tal-ġenituri**
   Biex il-grazzja tal-Magħmudija tista' tiġi l-quddiem fit-tarbija, l-għajnuna tal-ġenituri hija importanti ħafna. L-eżempju tal-ħajja nisranija tagħkom, **it-tnejn li intom**, hija l-akbar għajnuna.

7. **Il-Parrini**
   Għall-Magħmudija biżżejjed li jkun hemm parrinu jew parrina. F'każ li jkunu tnejn, **il-parrini għandhom ikunu raġel u mara**, li għalqu sittax-il sena, ikunu għamlu l-Preċett u l-Griżma, nies ta' fidi u prattikanti, li qed jgħixu l-ħajja nisranija mill-aħjar li jistgħu, u jkunu lesti u għandhom il-ħila jgħinu l-filjozz/a tagħhom fit-triq tal-ħajja nisranija. Il-parrini ma jistgħux ikunu l-istess ġenituri ta' min se jitgħammed.

**8.L-offerta**
**l-offerta** li tagħtu lill-Knisja fil-Magħmudija tmur biex jinżamm kif jixraqlu t-Tempju ta' Alla.

**Nifirħilkom.**

**Mons. Anton Cassar**
**Arċipriet – Katidral Metropolitan ta' San Pawl - Imdina**